# Animazzjoni - Il-Familja Mqaddsa (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum qed niċċelebraw is-solennità tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Din is-solennità tħeġġiġna sabiex insiru nixbhu lil din il-familja fil-virtujiet tagħha, speċjalment fl-imħabba tagħna lejn xulxin.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Illum fil-Liturġija tal-Kelma naraw li permezz tal-imħabba ta' Alla lkoll kemm aħna ġejna imsejħa biex inkunu wlied l-Missier. Dan nistgħu nagħmluh jekk aħna nemmnu f'Ibnu Ġesù. Fl-Antik Testment Samwel ukoll kien ikkonsagrat lil Alla u minħabba dan għex il-ħajja tiegħu fit-tempju jaqdih. Dan reġa deher fit-tfajjel Ġesù. Meta l-ġenituri tiegħu sabuh jgħallem fit-tempju huma urewh li kien għadu kmieni biex jibda l-misjoni fdata lilu mill-Missier.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t' Alla.

**Salm Responsorjali:** Henjin dawk li jgħammru f'darek, Mulej.

**Offertorju:**

Il-Familja Mqaddsa ta' Nazaret għandha tkun mudell għall-ħajja tagħna. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu quddiemu dawn l-offerti frott il-ħidmiet tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Alla tagħna deher fid-dinja, u għammar fost il-bniedem." Ħa jkun dan Alla li sejrin nirċevuh ġewwa fina l-qawwa tagħna, biex inkunu nistgħu nibqgħu ngħixu bħala vera familja b'valuri nsara.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.